DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' April 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2009/379/KE li tistabbilixxi l-ammonti li, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 378/2007, (KE) Nru 479/2008 u (KE) Nru 73/2009 jsiru disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

(2010/237/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [titlu mhux uffiċjali] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 12(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/379/KE ([2]) tistabbilixxi l-ammonti li, skont l-Artikoli 10(2) u 143d tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ([3]), l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 ([4]), l-Artikolu 190a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([5]), u l-Artikoli 9(1), 10(3), l-Artikoli 134 u 135 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([6]), isiru disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif ukoll l-ammonti disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/780/KE tat-22 ta' Ottubru 2009 li tiffissa l-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni volontarja fil-Portugall għas-snin kalendarji ([7]) ġiet revokata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/235/UE ([8]) sabiex tikkunsidra d-deċiżjoni li ħa l-Portugall li ma japplikax modulazzjoni volontarja.

(3) Id-Deċiżjoni 2009/1005/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) fir-rigward tal-finanzjament tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku kompliet tnaqqas l-ammont nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(4) Id-Deċiżjoni 2009/379/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2009/379/KE huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 117, 12.5.2009, p. 10.
([3]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.
([4]) ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.
([5]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([6]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
([7]) ĠU L 278, 23.10.2009, p. 59.
([8]) Ara paġna 12 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([9]) ĠU L 347, 24.12.2009, p. 26.

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2009/379/KE, l-annotazzjonijiet għas-snin 2010, 2011, 2012, u 2013 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

(EUR miljuni)

Ammonti li saru disponibbli għall-FAEŻR	Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005,								Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG	Sena tal-baġit
	Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	L-Artikolu 143d tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009	L-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009	L-Artikolu 135 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009	L-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009	Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007	L-Artikolu 190a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007		
"2010			1 867,1	22			397	82,11	501,821534	44 275,968466
2011			2 095,3	22	484	51,6	374,9	122,61		44 466,59
2012			2 355,3	22	484	51,6	347,3	122,61		44 710,19
2013			2 640,9	22	484	51,6	313,9	122,61		44 938,99"